Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14613/22**
**ADD 1**

**AGRI 620**
**ENV 1139**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Novembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 590 final - ANNEXES 1 to 2 |
| Suġġett: | ANNESSI tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 590 final - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: COM(2022) 590 final - ANNEXES 1 to 2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2022
COM(2022) 590 final

ANNEXES 1 to 2

**ANNESSI**

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti**

MT MT

# Anness 1

## L-importanza tal-fertilizzanti għas-sigurtà tal-ikel u r-riskju ta' użu eċċessiv

**Il-fertilizzanti għandhom rwol importanti għall-produzzjoni tal-ikel.** Illum jingħad li sa 50 % tal-produzzjoni globali tal-ikel tiddependi fuq l-użu ta' fertilizzanti minerali. Bl-istess mod, l-użu intensiv tal-fertilizzanti għandu impatt sinifikanti fuq is-saħħa, il-klima u l-ambjent.

Iż-żieda ta' **nutrijenti** fil-ħamrija permezz tal-fertilizzanti żżid, fil-limiti bijoloġiċi, il-produzzjoni tal-bijomassa u r-**rendiment** potenzjali **tal-għelejjel**, u tgħin fil-qbid tad-diossidu tal-karbonju. Il-pjanti jassorbu n-nutrijenti mill-ħamrija u jużawhom għat-tkabbir, u b'hekk ibattlu l-ħamrija. Il-fertilizzanti jżidu n-nutrijenti lura fil-ħamrija. Kwantità ogħla ta' produzzjoni (jiġifieri qamħ, ħaxix, eċċ.) tista' tiġi prodotta fuq wiċċ iżgħar, li jillimita ż-żona agrikola meħtieġa għall-produzzjoni tal-ikel globalment.

Il-fertilizzanti jistgħu jkunu ta' oriġini **minerali jew organika**.

Hemm tliet nutrijenti ewlenin għat-tkabbir tal-pjanti: **in-nitroġenu (N), il-fosforu (P), u l-potassju (K[1])**. Il-fosforu u l-potassju huma nutrijenti li jinsabu fil-minerali u fil-blat estratt mill-minjieri (fertilizzanti minerali). In-nitroġenu huwa n-nutrijent użat fl-akbar kwantità għall-għelejjel taċ-ċereali fid-dinja. Dan jeħtieġ li jiġi applikat b'mod regolari filwaqt li l-bdiewa jistgħu jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tal-fosforu u tal-potassju għal ċertu perjodu mingħajr impatt negattiv fuq ir-rendimenti.

Filwaqt li huwa diffiċli li jiġi stabbilit proporzjon preċiż, tnaqqis mhux premeditat ta' 20 % tal-fertilizzant nitroġenuż fit-tkabbir ta' għalla bħall-qamħ fl-UE huwa mistenni li jwassal għal tnaqqis fir-rendiment ta' 4-5 % (abbażi tal-aħjar rata ta' fertilizzazzjoni)[2].

Il-produzzjoni tal-fertilizzanti nitroġenużi sintetiċi tirrikjedi ħafna enerġija. Fl-UE, is-sors tal-enerġija huwa normalment il-gass naturali li jservi wkoll bħala l-materja prima għall-produzzjoni tal-idroġenu ($H_2$) meħtieġ għall-**fertilizzanti nitroġenużi sintetiċi (il-prodott intermedju huwa l-ammonijaka** ($NH_3$))). F'dan il-proċess, in-nitroġenu jintrebaħ mill-arja.

Il-produzzjoni tal-fertilizzanti nitroġenużi tiġġenera **emissjonijiet** sinifikanti tas-**$CO_2$**. Dan iseħħ irrispettivament mit-titjib kostanti fit-teknoloġiji ta' tnaqqis, speċjalment fis-siti ta' produzzjoni tal-UE.

Jekk il-fertilizzanti ma jiġux applikati kif suppost, it-**telf tan-nutrijenti** jista' jammonta sa 50-60 % tal-ammonti applikati għall-għelieqi. L-UE taqbeż, b'fattur ta' aktar minn 3 għan-nitroġenu u b'fattur ta' 2 għall-fosforu, dawk li huma kkunsidrati bħala l-limiti planetarji sikuri għall-fertilizzanti. Il-fertilizzanti jiġu applikati b'mod eċċessiv f'ħafna partijiet tal-UE bi ftit gwadann ovvju fir-rendiment. Aktar minn 90 % tal-emissjonijiet totali (gassużi) tal-**ammonijaka** tal-UE jiġu mill-agrikoltura; 80 % minn dawn jiġu mid-demel u 20 % minn fertilizzanti minerali. Il-**lissija u l-iskular** tal-fertilizzanti, minħabba applikazzjoni eċċessiva,

[1] K tfisser kalju.

[2] Din id-*data* ġejja minn provi xjentifiċi mwettqa minn produttur tal-fertilizzanti matul dawn l-aħħar 15-il sena bbażati fuq rati multipli ta' nitroġenu. Ta' min jinnota li f'ċerti reġjuni fl-Ewropa tinqabeż l-aħjar rata ta' fertilizzazzjoni.

huma kawżi ewlenin tal-konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' nutrijenti fil-ħamrija u fl-ilma li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekosistemi u lill-kwalità tal-ilma. Dawn l-effetti jistgħu jirriżultaw kemm minn fertilizzanti minerali kif ukoll minn fertilizzanti organiċi, fi gradi differenti (id-demel mhux ipproċessat għandu t-tendenza li jkollu karatteristiċi ta' lissija agħar mill-fertilizzanti minerali). Meta l-fertilizzanti jnixxu fl-ambjent, huma jixprunaw ukoll il-produzzjoni tal-**ossidu nitruż**, gass serra qawwi.

L-għan ta' **effiċjenza ottimizzata fl-użu tal-fertilizzanti** huwa li jitnaqqas id-distakk bejn ir-rendiment reali u dak li jista' jinkiseb tal-għelejjel, u b'hekk jitnaqqsu l-iskart tal-fertilizzanti u l-ħsara għall-ambjent.

Is-sostituzzjoni sħiħa tal-fertilizzanti minerali b'**fertilizzanti organiċi**, li ma jiġġenerawx emissjonijiet jew li jiġġeneraw anqas emissjonijiet matul il-produzzjoni, ma hijiex fattibbli fuq perjodu ta' żmien qasir minħabba r-restrizzjonijiet eżistenti fuq is-sigurtà tal-art u tal-ikel u x-xejriet attwali tad-dieta. Madankollu, **l-użu u d-dipendenza fuq il-fertilizzanti minerali importati jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti** billi jintużaw u jiżdiedu approċċi tal-ekonomija ċirkolari bħar-riċiklaġġ tan-nutrijenti mill-ilma mormi u bijoskart ieħor (bħall-iskart ekoloġiku mibdul f'kompost mill-unitajiet domestiċi) jew billi jintuża demel ipproċessat biex jittejbu l-karatteristiċi tal-iskular. Pereżempju hemm regoli dwar ir-rati minimi ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ għall-fosforu u n-nitroġenu mill-ħama, li l-Kummissjoni pproponiet fid-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[3].

Iż-żieda fl-effiċjenza tal-użu tan-nitroġenu fl-azjendi agrikoli billi jittejbu l-prattiki agrikoli, l-għarfien dwar il-ħamrija u l-użu tal-biedja ta' preċiżjoni u l-infurzar tal-miżuri ta' prevenzjoni u tnaqqis tat-tniġġis fil-Programmi ta' Azzjoni dwar in-Nitrati huma essenzjali biex jitnaqqas l-użu eċċessiv tal-fertilizzanti u se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-telf għall-ambjent u għat-titjib taż-żamma tan-nutrijenti. L-istess huma ż-żieda fl-appoġġ għall-biedja organika, it-tkabbir ta' għelejjel li għandhom anqas ħtiġijiet ta' nitroġenu jew li jiġbru n-nitroġenu mill-arja u b'hekk isostnu l-ħamrija. Dawn l-approċċi kollha jippromettu li jiġġeneraw kobenefiċċji ambjentali, klimatiċi u ekonomiċi u se jsaħħu l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Il-politiki u l-miżuri li jappoġġaw dawn l-approċċi għandhom jiġu aċċellerati biex jittejbu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-ikel tal-UE.

---

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

# Anness 2

## Is-sitwazzjoni tas-swieq tal-fertilizzanti fl-UE u fid-dinja

L-**industrija Ewropea tal-fertilizzanti** għandha aktar minn 120 sit ta' produzzjoni mifruxa madwar il-maġġoranza tal-Istati Membri, sinjal tar-rwol strateġiku tagħha fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel. Hija kienet timpjega 61 000 persuna fl-2017 u kellha fatturat medju ta' EUR 23,3 biljun fil-perjodu 2017-19.

Bħala medja, il-**produzzjoni** totali tal-EU-27 **ta' prodotti fertilizzanti intermedji u lesti** kienet ta' 40,2 miljun tunnellata (2019-2021). Il-produtturi ewlenin f'termini ta' valur huma l-Ġermanja, il-Polonja, Franza u Spanja. Minbarra l-produzzjoni ta' prodotti fertilizzanti minerali, l-impjanti tal-EU-27 ipproduċew 12,2-il miljun tunnellata ta' ammonijaka, użata prinċipalment għall-produzzjoni tal-fertilizzanti iżda wkoll f'industriji oħra, pereżempju għas-sustanzi kimiċi. AdBlue, prodott mill-ammonijaka, jintuża bħala reaġent biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mill-egżost tad-diżil u huwa ta' importanza kritika għall-ktajjen tal-provvista minħabba l-użu tat-trakkijiet għat-trasport. Id-diossidu tal-karbonju huwa prodott sekondarju importanti tal-produzzjoni tal-ammonijaka[4].

Tabella 1: Produzzjoni tal-UE ta' prodotti fertilizzanti intermedji u lesti (1 000 tunnellata)

| **Produzzjoni ta' fertilizzanti fl-UE** | 2019 | 2020 | 2021 | **Medja 2019-2021** |
|---|---|---|---|---|
| Nitroġenużi (1 000 tunnellata ta' N) | 16079 | 17417 | 17974 | **17157** |
| Fosfatiċi (1 000 tunnellata ta' P2O5) | 982 | 1015 | 1182 | **1060** |
| Potassiċi (1 000 tunnellata ta' K2O) | 6248 | 3911 | 2210 | **4123** |
| Fertilizzanti mħallta bi 2 jew 3 nutrijenti (1 000 tunnellata ta' prodott) | 17033 | 16231 | 20430 | **17898** |
| **Produzzjoni totali (1 000 tunnellata)** | **40342** | **38574** | **41796** | **40237** |

Sors: EUROSTAT Prodcom

Il-**konsum ta' fertilizzanti nitroġenużi minerali** fl-agrikoltura huwa stmat li kien ta' 10,3 miljun tunnellata (espressi f'tunnellati ta' nitroġenu) fl-EU-27 fl-2018. Il-**konsum ta' fertilizzanti fosfatiċi minerali** laħaq 1,2 miljun tunnellata fl-2018. Il-konsum ta' fertilizzanti nitroġenużi sintetiċi baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu 2000-2018 filwaqt li l-konsum ta' fertilizzanti fosforiċi minerali naqas minn madwar 1,6 miljun tunnellata fl-2000 għal 1,2 miljun tunnellata fl-2018.

[4] Użat għall-isturdament tal-annimali, għall-imballaġġ tal-laħam biex itawwal il-ħajja (tal-prodott) fuq l-ixkaffa u għax-xorb bil-gass.

Illustrazzjoni 1: Użu ta' fertilizzanti minerali fl-UE (miljun tunnellata ta' nutrijenti)




Sors: Eurostat

Il-**kummerċ internazzjonali** fil-fertilizzanti huwa kkonċentrat ħafna, bl-aqwa ħames esportaturi tan-nutrijenti responsabbli għal 43 % tal-kummerċ globali fl-2020 fin-nitroġenu (N), 76 % għall-fosfati (P) u 83 % għall-putassa (K). Id-depożiti tal-materja prima użata fil-produzzjoni tal-fertilizzanti huma mqassma b'mod mhux uniformi. Id-depożiti globali tal-fosforu jinsabu kollha barra mill-Ewropa: madwar tliet kwarti tal-estrazzjoni tal-**blat fosfatiku** huma maqsuma bejn iċ-Ċina, il-Marokk, l-Arabja Sawdija, ir-Russja, l-Istati Uniti u t-Tuneżija. Id-**depożiti tal-putassa** fil-Belarussja, il-Kanada u r-Russja jammontaw għal 68 % tad-depożiti globali.

L-**UE importat** madwar 26 miljun tunnellata ta' nitroġenu, fosfat u putassa u sustanzi intermedji fl-2021, prinċipalment ibbażati fuq in-nitroġenu (10,6 miljun tunnellata), jiġifieri l-ammonijaka, l-urea, in-nitrat tal-ammonju tal-urea, in-nitrat tal-ammonju, eċċ., il-putassa (3,4 miljun tunnellata), il-fosforu u l-prekursuri (6,4 miljun tunnellata) kif ukoll fertilizzanti komposti li fihom it-tliet nutrijenti tan-nitroġenu (N), il-fosforu (P) u l-potassju (K) (5,6 miljun tunnellata). L-importazzjonijiet jirrappreżentaw rispettivament 30 %, 68 % u 85 % tal-konsum tal-UE tan-nutrijenti tan-nitroġenu, tal-fosfat u tal-putassa. Fir-rigward tal-**fosfati**, 28 % tal-importazzjonijiet tal-UE joriġinaw mill-Marokk u 23 % mir-Russja. Fir-rigward tal-**putassa**, 64 % tal-importazzjonijiet tal-UE[5] oriġinaw mir-Russja u l-Belarussja[6].

[5] EC (2020), Non-critical Raw Materials Factsheets, p. 412.

[6] Fl-24 ta' Ġunju 2021, l-UE imponiet miżuri restrittivi fuq l-importazzjonijiet tal-putassa mill-Belarussja b'reazzjoni għall-eskalazzjoni tal-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż.

L-istimi għall-2022 ibbażati fuq l-ewwel tmien xhur tas-sena juru tnaqqis ġenerali fl-importazzjonijiet tal-fertilizzanti b'madwar 13 %, essenzjalment fir-rigward tal-putassa, il-fosfati u l-fertilizzanti komposti, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-ammonijaka u tal-fertilizzanti nitroġenużi żdiedu b'mod sostanzjali fl-2022 (+19 % għall-ewwel tmien xhur tas-sena meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2021).

Illustrazzjoni 2: Importazzjonijiet tal-UE ta' fertilizzanti intermedji u lesti (miljun tunnellata ta' prodotti) – Jannar sa Awwissu




Sors: Eurostat -Comext

L-**esportazzjonijiet ta' fertilizzanti tal-UE** ammontaw għal 12,9-il miljun tunnellata fis-sena fl-2021, essenzjalment il-fertilizzanti nitroġenużi (7,8 miljun tunnellata) u l-fertilizzanti komposti (3,6 miljun tunnellata).

Fl-2022, hemm esportazzjonijiet aktar baxxi ta' fertilizzanti minerali (-13 % għall-ewwel tmien xhur tas-sena meta mqabbla mal-2021).

Illustrazzjoni 3: Esportazzjonijiet tal-UE ta' fertilizzanti intermedji u lesti (miljun tunnellata ta' prodotti) – Jannar sa Awwissu




Sors: Eurostat -Comext

Il-prezzijiet għoljin u instabbli tal-fertilizzanti huma sfida għall-bdiewa tal-UE. Il-fertilizzanti jirrappreżentaw **sehem sinifikanti mill-kostijiet tal-input tal-bdiewa**, madwar 6 % bħala medja matul il-perjodu 2017-2020 u 12 % għall-bdiewa ta' għelejjel li jinħartu speċjalizzati. Il-prezzijiet għoljin tal-komoditajiet agrikoli jistgħu jagħmluha ta' siwi għall-bdiewa tal-għelejjel li jinħartu li jikkunsidraw li jużaw l-aħjar kwantitajiet ta' fertilizzanti irrispettivament mill-prezzijiet għoljin. Iżda l-bdiewa **ma għandhomx ċertezza dwar il-prezzijiet futuri tal-għelejjel**. L-indiċijiet tal-prezzijiet tal-fertilizzanti dan l-aħħar kienu qed jiżdiedu aktar mill-indiċijiet tal-prezzijiet tal-komoditajiet tal-ikel, u dan jindika effett ta' mqass. Il-bdiewa normalment jibnu l-ħażniet ta' fertilizzanti għall-istaġun tal-għelejjel li jmiss matul is-sajf. Fl-2022, huma ttardjaw dan ix-xiri.

Il-**prezzijiet globali tal-fertilizzanti** żdiedu progressivament mill-bidu tal-2021, b'livelli massimi bejn Settembru u Novembru 2021, wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u f'April 2022. Minn dak iż-żmien, dawn naqsu bi ftit, b'mod partikolari l-fertilizzanti tan-nitroġenu u tal-fosfat. F'Settembru ġew irreġistrati żidiet reċenti, b'mod partikolari għall-urea. Meta mqabbla mal-medja fil-perjodu ta' referenza 2016-2020, f'Settembru 2022, dawn għadhom f'livelli għoljin ħafna: +128 % għall-fosfat tad-diammonju, +200 % għall-urea u +141 % għall-putassa.

Illustrazzjoni 4: Prezz dinji għall-prodotti fertilizzanti (USD/tunnellata)




Sors: World Bank Commodity Price Data

Is-**swieq globali tal-fertilizzanti ġew affettwati b'mod qawwi** mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, b'mod partikolari minħabba d-dipendenza tagħhom fuq il-gass naturali u minħabba t-tfixkil fis-suq, inklużi r-**restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni** imposti minn pajjiżi produtturi ewlenin bħar-Russja u ċ-Ċina. Ir-Russja hija l-esportatur ewlieni fid-dinja ta' fertilizzanti, speċjalment tan-nitroġenu, u t-tieni l-aktar esportatur importanti ta' fertilizzanti fosfatiċi. Ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjonijiet tal-fertilizzanti imposti minn produttur importanti bħar-Russja huma partikolarment ta' tfixkil għas-suq globali.

L-affordabbiltà tal-fertilizzanti ddeterjorat hekk kif il-prezzijiet tal-fertilizzanti għolew b'rata aktar mgħaġġla mill-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli. Ħafna pajjiżi madwar id-dinja jibbażaw fuq numru żgħir biss ta' sħab kummerċjali għall-importazzjonijiet tal-fertilizzanti tagħhom u għalhekk, jiffaċċjaw kontijiet tal-importazzjoni tal-fertilizzanti aktar għoljin u kostijiet ogħla tal-produzzjoni li min-naħa tagħhom jaffettwaw b'mod negattiv il-ħsad. Jekk il-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti jippersistu fl-istaġuni tat-tħawwil li jmiss, il-problema hija probabbli li tespandi għall-produzzjoni tar-ross, u taffettwa madwar 3 biljun persuna fil-Kontinent Amerikan u l-Asja, li għalihom ir-ross huwa l-ikel bażiku ewlieni.